**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 2**

**Rikors Nru. 21/19 JZM**

**NV Private Insurer, kumpannija rregistrata l-Belgju, b`numru ta` registrazzjoni BE-0866.104.486, kif rapprezentata mill-mandatarju lokali taghha l-Avukat Dr. Jean C. Farrugia detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 244176(M)**

***kontra***

**Novium Opportunity Umbrella SICAV plc (SV 76)**

**Dan huwa provvediment fil-miftuh dwar rikors li pprezentat il-P.L. Madeleine Firman ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Novium AG fid-29 ta` Ottubru 2019 fejn talbet sabiex tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza fl-ismijiet premessi.**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors ta` l-P.L. Madeleine Firman noe tad-29 ta` Ottubru 2019, flimkien mad-dokument li kien anness.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Ottubru 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta Av. Dr. Jean C. Farrugia noe fis-7 ta` Novembru 2019.

Rat id-digriet l-iehor taghha tas-16 ta` Dicembru 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2020.

Rat illi minn din l-udjenza r-rikors thalla ghal provvediment fil-miftuh ghal-lum.

Rat l-atti.

## II. Fatti

Il-fatti saljenti ghall-fini tal-provvediment tal-lum huma dawn :

NV Private Insurer (kumpannija registrata fil-Belgju) hija azzjonista ta` Novium Opportunity Umbrella SICAV plc (kumpannija registrata Malta). L-azzjonista maggoritarja hija Novium AG (kumpannija registrata l-Isvizzera). Din tal-ahhar hija wkoll l-Investment Manager tal-kumpannija Maltija.

NV Private Insurer ipprezentat il-kawza fl-ismijiet premessi fejn, ghar-ragunijiet li ndikat fir-rikors promotur, u li nkwadrat fl-ambitu tal-Art 402(1) tal-Kap 386, talbet lill-Qorti sabiex, abbazi ta` l-Art 402(3)(e) tal-Kap 386, taghtiha permess tistitwixxi azzjoni ghal danni ghan-nom tal-kumpannija Maltija kontra l-Investment Manager.

Il-kumpannija registrata l-Isvizzera pprezentat ir-rikors odjern sabiex tkun ammessa sabiex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* halli mhux biss tiggustifika l-operat taghha, izda sabiex tikkontesta l-fondatezza legali u fattwali tal-azzjoni ta` NV Private Insurer.

## III. Legittimu kontradittur

NV Private Insurer ipprezentat il-kawza fl-ismijiet premessi kontra l-kumpannija Maltija **biss**.

Fil-"**Principles of Maltese Company Law**" (Tieni Edizzjoni : MUP : 2019) **Andrew Muscat** jittratta l-kwistjoni ta` kontra min tista` tkun promossa azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386.

Fil-pag. 1352 tal-ktieb ighid hekk :-

> *The Companies Act does not specify the person or persons against whom an action under article 402 is to be brought. It does well not to do so. The reason is that the choice of the defendant or defendants depends on the facts of the case and on the type of relief sought.*
>
> *…*
>
> *the persons responsible for the conduct complained of would typically vary from the current or past majority shareholder to the managing director or the controlling directors acting on behalf of company. Control may also be vested in a shadow director, a provisional administrator, a liquidator, an official receiver and even the pledgee of shares in the company, who, in terms of the pledge agreement, may exercise the shareholder`s voting rights or appoints directors on the Bord.*
>
> *…*
>
> *the forms of relief that may be granted by the court are considerably wide-ranging ; a court order could be issued against a number of persons, typically the company itself and one or more shareholders. In* ***Joseph Calleja vs Vincent Calleja****, an article 402*

*was filed only against one of the shareholders. The company itself was not a party. The defendant pleaded that the company itself were wrongly instituted, as the action had to be filed against the company and not against himself as a member. The Court, in a judgement in parte, considered article 402 to provide a flexible and equitable remedy and agreed with the applicant`s submissions that an article 402 action had to be instituted against the person or persons who were allegedly responsible for the wrongdoing and that the court`s order need not in all cases be issued against the company itself. The Court remarked that as the applicant`s allegations of wrongdoing were directed towards the defendant, it was clear that the defendant was a proper party to the proceedings. It also stated that the fact that the action was not also filed against the company did not nullify the proceedings.*

*…*

*Given the fundamental principle of Maltese procedural law that no person can be bound by a court`s decision or judgement unless he is a party to the relative proceedings, it is important for the complainant to carefully identify the person or persons against whom the action is to be filed.*

Fil-Pag 218 ta` l-Kap 6 ta` l-ktieb **<u>Minority Shareholders : Law, Practice and Procedure</u>**, **<u>Victor Joffe</u>** jikteb :-

*The petitioner will be the member seeking relief, and the company of which he is a member and in relation*

*to whose affairs he alleges unfairly prejudicial conduct will be made a respondent. Additionally, every member of the company (other than the petitioner) whose interests might be effected by the relief sought should be joined as a respondent, whether or not allegations of unfairly prejudicial conduct are made against him: in the case of a small private company, this will usually mean that every member ought to be joined as a respondent to the petition. The category of potential respondents (other than the company) is not, however, limited to members of the company. In an appropriate case, relief may be sought against a non- or former member. The width of the category of potential respondents is indicated by Lowe vs Fahey [(1996) 1 BCLC 262], where it was held that if the unfairly prejudicial conduct alleged was a diversion of corporate funds, a petitoner could seek relief not only against members and former members, but also against directors involved or third parties who knowingly received or improperly assisted in the diversion. Even a person who is not actively involved in the conduct of the affairs of the company complained of may be made a respondent, at least if he would be affected by the relief sought.*

Fil-Pag. 709 ta` **<u>Boyle & Birds` Company Law</u>** (Eighth Edition – Jordans – 2011) jinghad :-

*In shareholders` actions against the company it is not necessary to join the directors as parties, unless some form of relief is sought against them in addition to the remedy against the company.*

Id-dottrina appena citata ghandha rilevanza f`kuntest ta` talba bhal dik li saret fir-rikors mertu tal-provvediment tal-lum.

## IV. **Dritt**

L-istitut ta` l-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat bl-**Art 960 tal-Kap 12**.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*"Kull min juri b`sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f`kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta` l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta` Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*

Mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti lill-qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex jekk jintwera ghas-sodisfazzjon taghha li xi hadd ghandu r-rekwizit tal-interess, jista` jithalla jintervjeni f`kawza pendenti bejn persuni ohra, u dan sahansitra fl-istadju ta` appell.

## V. **Dottrina**

**Mortara** fil-"**Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile**" (1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

" *… puo` trovarsi ad avere interesse nella lite sotto vari aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche*

*diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e` piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

**Enrico Tullio Liebman** fil-pag 151 tal-"**Manuale di Dir. Proc. Civile**" (1957) ighid hekk :-

*"La ragione pratica dell` istituto e` data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all`esito del medesimo".*

## VI. Gurisprudenza

Il-Qrati taghna b`mod konsistenti taw interpretazzjoni **miftuha** ghal dan l-istitut.

Fis-sentenza li nghatat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta` Novembru 1898 fil-kawza "**Stepton vs Spiteri**", inghad hekk –

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*

*"L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

Fid-decizjoni li nghatat fl-10 ta` Novembru 1888 fil-kawza : "**Negte. Luigi Paolo Vella Hass vs Vincenzo Camenzuli ed altri**" : il-Prim`Awla kienet irrimarkat hekk :-

*"Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere la domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l`effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto ;*

*" … l`ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere sospendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto quello che ha perduto."*

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` Ottubru 1960 fil-kawza fl-ismijiet "**Ivo Borg vs Carmelo Muscat**" kien osservat illi l-frazi tal-ligi "*a party to the suit*" ma kenetx tirrikorri fit-test originali tal-ligi bit-Taljan li kien jinqara "*Chiunque dimostri ... di avere interesse in una causa gia` tra altri pendent puo` essere ammesso allo stato e nei termini in cui essa si trova...*"

Skont il-gurisprudenza ta` l-qrati taghna, l-intervenjent mhuwiex proprjament *parti* fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni "*parti*" tidher fl-Art 960 tal-Kap 12 [ara wkoll is-sentenzi : Qorti tal-Appell : "**Ellul Sullivan noe vs Abela noe"** (1971) ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : "**Joseph Galea vs Alfred Cardona**" : 28 ta` Lulju 1987 ; Qorti tal-Appell : **Anthony**

**Psaila vs Arthur Biggerstaff**" : 7 ta` Novembru 1988 ; Qorti tal-Appell : "**Joseph Buhagiar pro et noe vs Carmel sive` Charles Psaila**" : 31 ta` Jannar 1996]

Dwar l-interess, fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta` Jannar 2005 fil-kawza "**Mario Galea Testaferrata v. Prim Ministru**" inghad hekk :-

*"L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni … huwa interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta` dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista` talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f`kawza jew kawzi ohra futuri … Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f`dik il-kawza partikolari u mhux f`kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati."*

(ara wkoll : PA – **Zammit pro et noe vs Kirkby Williams** – 7 ta` Ottubru 1948 ; Appell Superjuri Civili – **Cefai vs Cutajar et** – 14 ta` April 1947 ; Appell Superjuri Civili – **Zammit vs Formosa** – 11 ta` Gunju 1948 ; PA – **Said et vs Vassallo** – 11 ta` Marzu 1950 ; PA – **Prato vs Cassar Galea et noe** – 30 ta` Marzu 1951 ; PA – **Delia vs Schembri** – 4 ta`Frar 1958 ; Appell Superjuri Civili – **Ganado vs Borg Olivier** – 3 ta` Novembru 1958 ; PA – **Borg vs Muscat** – 28 ta`Ottubru 1960 ; PA – **Micallef pro et noe vs Younes et noe** – 18 ta` Novembru 1984 ; Appell Kummercjali – **Debattista et vs Calleja noe** – 28 ta` Frar 1986 ; Appell Kummercjali – **Galea vs Cardona** – 28 ta` Lulju 1987 ; Appell Kummercjali – **Azzopardi vs Grixti** – 9 ta` Marzu 1988 ; Appell Superjuri Civili – **Psaila vs Biggerstaff** – 7 ta` Novembru 1988 ; PA – **Camilleri vs Borg** – 8 ta` Mejju 1990 ; Appell Kummercjali – **Chatlani vs Grixti** – 2 ta` Dicembru 1991 ; Appell Superjuri Civili – **Buhagiar pro et noe vs Psaila** – 31 ta` Jannar 1996 ; Appell Superjuri Civili – **Grech et vs Sceberras Trigona et** – 20 ta` Frar 1996 ; Appell Superjuri Civili – **Abela vs Zahra** – 29 ta` Ottubru 2002)

## VII. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

Fil-kawza tal-lum, NV Private Insurer ghazlet li tintavola l-azzjoni abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386 kontra l-kumpannija Maltija li taghha hija azzjonista.

Hadet din il-linja bil-ghan illi jekk jirnexxielha li taghmel il-prova skont l-Art 402(1) allura tkun awtorizzata mill-qorti sabiex abbazi tal-Art 402(3)(e) tintavola kawza kontra Novium AG li mhux biss hija l-azzjonista ta` maggoranza izda wkoll Investment Manager tal-kumpannija Maltija.

Il-livell ta` prova li tkun trid tilhaq NV Private Insurer fil-kawza fl-ismijiet premessi huwa mfisser b`dettall fil-provvediment li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta` Ottubru 2016 fil-kawza fl-ismijiet "**Mark Hogg noe vs Terra Sana Limited et**" (liema provvediment la kien ikkontestat u lanqas appellat).

Il-fatt illi NV Private Insurer b`ghazla taghha ma nkludietx fil-kawza bhala konvenuta lill-azzjonista ta` maggoranza ma jfissirx li din m`ghandhiex tithalla tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* skont l-Art 960 tal-Kap 12 jekk turi ghas-sodisfazzjon tal-qorti li ghandha r-rekwizit ta` l-interess.

Limitatament ghall-fini tal-procediment odjern, il-Qorti rat l-atti ta` dan ir-rikors, ir-ragunijiet ta` naha jew ohra, favur jew kontra t-talba ghall-intervent, kif ukoll l-atti tal-kawza.

Tqis li Novium AG ghandha fil-fatt tithalla tintervjeni ghaliex f`**din** il-kawza (mhux f`xi kawza ohra li ghad tista` ssir fil-futur) ghandha interess **dirett** fis-sens illi ghall-operat ta` Novium AG, NV Private Insurer qeghda timputa agir li, sahansitra fuq livell ta` *prima facie,* tallega li huwa kolpit bl-Art 402(1), tant li NV Private Insurer, bhala azzjonista tal-kumpannija Maltija, qeghda titlob li ghan-nom tal-kumpannija Maltija tkun awtorizzata tistitwixxi azzjoni ghal danni kontra Novium AG.

Tqis li dawn il-fatti jaghmlu mill-interess ta` Novium AG wiehed **sostanzjali** ghaliex jolqot kemm ir-ragunijiet li fuqhom NV Private Insurer ghamlet l-azzjoni **odjerna** kif ukoll ir-rimedju li qeghda titlob, liema rimedju jinvolvi bis-shih lil Novium AG.

Din il-Qorti tishaq li dan tal-lum mhuwiex kaz fejn Novium AG qeghda titlob li tintervjeni ghaliex ghandha interess fl-ezitu tal-kawza **bil-hsieb** li l-esitu ta` l-kawza jservi bhala pjattaforma ghal kawzi ohra.

Il-qofol tat-talba tal-intervent huma l-kawzali u t-talbiet li qeghda taghmel NV Private Insurer f`**din** il-kawza li jolqtu direttament u b`mod sostanzjali lil Novium AG.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti noe kif tirrizulta fir-rikors taghha tad-29 ta` Ottubru 2019 u ghalhekk qeghda tawtorizzaha tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza fl-ismijiet premessi. Spejjez rizervati.**

**Onor Joseph Zammit McKron**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deptat Registratur**